TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/368/10/S

Carmelo Grech

Vs

Klima Technique Co. Ltd.

Illum 6 ta' Frar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmelo Grech ippreżentata fit-30 t'Awwissu, 2010 u r-risposta tas-soċjetá Klima Technique Co. Ltd. datata 22 t'Ottubru, 2010;

Ra d-dokumenti ppreżentati inkluż ir-rapport tal-espert tekniku Vincent E. Ciliberti, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fid-19 ta' Jannar, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'air-conditioner' li inxtara fis-sena 2010 u li skont ir-rikorrent, mhux qed ikessaħ kif suppost;

Illi jingħad mal-ewwel li l-partijiet irrimettew rwieħhom għall-konklużjonijiet tal-espert tekniku;

Illi bħala konklużjoni l-espert tekniku spjega li *"l-airconditioner misjub installat fil-fond tar-rikorrenti nstab li qiegħed jopera b'mod effiċjenti u skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan it-tip u daqs ta' unit"*;

Illi kif ingħad fis-sentenza "Joseph Gauci vs Charles u Miriam Vella" mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati(Malta) - 290/06CSH :

*"...huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti..."*

Illi dan it-Tribunal jagħmel tiegħu il-konklużjonijiet tal-espert tekniku;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrent Carmelo Grech u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá intimata Klima Technique Co. Ltd., bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri inkluż tal-espert tekniku jitħallsu mir-rikorrent Carmelo Grech.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TEL.(+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888